# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Dicembru 2022**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1113/2021 JVC**

**Mary Anne Fiorini (K.I. 177874M)**

**vs**

**Kenneth Gauci (K.I. 242571M); Corinne Gauci (K.I. 191400L); u permezz ta' digriet datat 9 ta' Dicembru Kenneth Gauci gie mahtur kuratur deputat sabiex jidher ghall-minuri Nichole Gauci (K.I. 151304L)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Mary Anne Fiorini kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' kuntratt ta' xiri datat sbatax (17) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Tabone, ir-rikorrenti hija proprjetarja unika tal-fond 12, 13, 'Ghad-Dell tal-Kampnar', Triq San Nikola, Siggiewi (Dok. A);

2. Illi l-esponenti kienet f'relazzjoni ma' l-intimat Kenneth Gauci u li kienu jghixu f'koabitazzjoni de facto fid-dar taghha. Flimkien mal-intimat Kenneth Gauci dahlu joqghodu wkoll it-tfal tieghu l-intimati ahwa Corinne u Nichole Gauci li maghhom l-esponenti mhijiex relatata;

3. Illi l-intimata Nichole Gauci twieldet fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u peress li llum ghandha sbatax (17) -il sena, kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat qieghed jigi intavolat rikors sabiex jigu appuntati kuraturi deputati biex jidhru ghan-nom taghha;

4. Illi f'Mejju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) l-intimat Kenneth Gauci tkecca mix-xoghol li kellu ma l-HSBC Bank Malta plc wara li ghadda bord ta' dixxiplina dwar serq u frodi aggravat li jammontaw ghal mijiet ta' eluf ta' euro u dwar dan ghad iridu jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu;

5. Illi malli r-rikorrenti saret taf b'dawn ir-reati gravi hija ddecidiet li twaqqaf ir-relazzjoni li kellha mal-intimat Kenneth Gauci u talbitu diversi drabi biex johrog mill-proprjeta' taghha izda hu ma riedx b'konsegwenza li t-tlett intimati baqghu jghixu fil-fond tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi u kontra l-volonta' tal-istess rikorrenti. Kull ma' nbidel hu li intimat Kenneth Gauci ikkapparra il-living room fejn mar jorqod izda sal-gurnata tallum it-tliet intimati baqghu jghidu fid-dar tar-rikorrenti b'xejn u juzaw dak kollu li hija tipprovdi ghalih bhal dawk, ilma u servizzi ohra;

6. Illi l-agir tal-intimat Kenneth Gauci huwa ta' detriment ghas-sahha mentali u fiziku tar-rikorrenti u dan peress li wara li ormai ghamlitha cara li tixtiequ jitlaq minn darha, il-fatt li baqa' jimponi ruhhu bil-presenza tieghu ghal dawn l-ahhar xhur hija qed thossha litteralment priguniera go darha fejn ikollha tissakkar billejl u qabel ma jkollha bzonn tahsel il-hwejjeg jew imqar tmur sal-kcina trid toqghod attenta jekk l-intimat Kenneth Gauci qieghedx hemmhekk u ghalhekk spiccat tiekol take aways biex ma jkolliex tqatta' hafna hin fil-kcina taghha stess;

7. Illi r-rikorrenti ippruvat tirrikorri ghall-ghajnuna ghand il-Pulizija izda filwaqt li ha jressqu lill-intimat Kenneth Gauci l-Qorti dwar reati ta' domestic violence ukoll, huma qalulha li jekk tbiddel ic-cavetta tkun qed tikkommetti spoll u li l-izgumbrament hija kwistjoni civili;

8. Illi fl-20 ta' Settembru 2021 ir-rikorrenti baghtet ittra legali lill-intimat (Dok. B) fejn talbitu formalment biex johrog mill-fond fi zmien sebat (7) ijiem inkella ha tniedi proceduri ta' zgumbrament kontrih, izda huwa baqa' inadempjenti;

9. Illi fid-29 ta' Settembru 2021 ir-rikorrenti baghtet ittra ufficjali (Dok. C) lill-intimat fejn regghet wissietu li jekk ma johrogx mill-fond immedjatament hija sejra titlob mandat ta' zgumbrament kontrih bl-ispejjez. L-ittra ufficjali giet debitament notifikata skond il-ligi fit-2 ta' Novembru 2021 izda l-intimat Kenneth Gauci xorta wahda baqa' inadempjenti;

10. Illi peress li l-intimati qieghdin jirrizjedu fil-fond tar-rikorrenti minghajr l-ebda titolu fil-ligi u anke kontra l-volonta' taghha stess, fl-umli fehma tal-esponenti l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x'jissollevaw f'din il-kawza;

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

12. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tisma′ din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna lill-konvenuti sabiex jidhru quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-hin li jigu moghtija a tenur tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

iii. Tiddikjara li l-intimati qieghdin jghixu fil-proprjeta′ tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

iv. Tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond 12, 13 'Ghad-Dell tal-Kampnar′. Triq San Nikola, Siggiewi entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jikkonsenjaw ic-cavetta ta′ l-istess fond lir-rikorrenti;

v. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu l-ispejjez ta′ din il-kawza inkluz dawk tal-ittra legali datata 20 ta′ Settembru 2021, ta′ l-ittra ufficjali datata 29 ta′ Settembru 2021, tad-digriet biex jigu mahtura kuraturi deputati u tal-eventwali mandat ta′ zgumbrament jekk ikun necessarju.

Salv kull provvediment iehor u opportun li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.′.

Rat illi fil-verbal tallum stess laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti Mary Anne Fiorini sabiex tisma′ l-kawza bid-dispensa tas-smigh;

Rat id-dokument A anness mar-rikors guramentat li jevidenzja li l-proprjeta' in kwistjoni u cioe' 12, 13 'Ghad-Dell tal-Kampnar', Triq San Nikola, Siggiewi, hija proprjeta' unikament tar-rikorrenti;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet fuq talba tar-rikorrenti;

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra annessa mar-rikors guramentat;

Stante illi jirrizulta li l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' unikament tar-rikorrenti filwaqt illi l-intimati m'ghandhom l-ebda jedd fuq l-istess proprjeta';

Il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tiddikjara t-tieni talba wkoll sorvolata;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-intimati qeghdin jghixu fil-proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond 12, 13 'Ghad-Dell tal-Kampnar', Triq San Nikola,

Siggiewi fi zmien tlett xhur mil-lum u jikkonsenjaw ic-cavetta ta' l-istess fond lir-rikorrenti;

5. Tilqa' l-hames talba dwar l-ispejjez gia sofferti.

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Dicembru, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Dicembru, 2022**